Il-Kommunità Ewropea tal-Kumpaniji Żgħar u Medji (*SMEs*), li hi msawra fuq il-Kontenut tal-Ambjent Diġitali u fuq il-Lingwi.

---

# Rapport fuq il-potenzjal tas-suq għall-kumpaniji Żgħar u Medji tal-*Geo-ICT* (*Geo-ICT SMEs*) b'rabta ma' *INSPIRE*

(verżjoni fil-qosor)

Ippreparat mill-proġett *smespire* (www.smespire.eu)

Novembru 2013

l-Kontenut


. L-Isfond
. Is-Suq, ix-Xogħlijiet, il-Hiliet.
. INSPIRE
. L-Innovazzjoni
. Ir-Rakkomandazzjonijiet


# L-Isfond

Dan id-dokument hu l-verżjoni l-qasira tar-rapport ta’ studju tal-proġett *smeSpire* li jista’ jiġi aċċessat mis-sit: www.smespire.eu.

Dan hu l-ewwel studju fuq livell Ewropej dwar is-settur privat tal-*Geo-ICT*: dan jippreżenta analiżi dettaljati u tqabbil bejn il-kumpaniji privati u kif jirrelataw mad-Direttiva tal-*INSPIRE*. (inspire.jrc.ec.europa.eu)

F’dan l-istħarriġ, ipparteċipaw 299 kumpanija, li ġejjin minn aktar minn 18-il pajjiż fl-Ewropa. L-informazzjoni dwar il-kumpaniji tal-*Geo-ICT* u l-*INSPIRE*, ġiet miġbura wkoll minn 113 –il intervista (ġew involuti wkoll l-*INSPIRE National Contact Points*, kif ukoll rappreżentanti mill-*Legally Mandated Organisations* u *National Geographic Associations*).

Id-Direttiva tal-*INSPIRE* (2007/2/*EC*) stabilixxiet Infrastruttura għal Spazju t’Informazzjoni fl-Ewropa, biex isostni r-regoli tal-kommunità ambjentali, u r-regoli jew l-attivitajiet li jistgħu jkollhom impatt fuq l-ambjent.

*INSPIRE* hi bbażata fuq il-kreazzjoni, l-operazzjoni u l-manutenzjoni tal-infrastrutturi għall-informazzjoni spazjali. Din titħaddem minn 28 membru tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll mill-Iżvizzera, min-Norveġja u mill-Islanda. Din tindirizza 34 temi li huma relatati mal-ambjent.

Sabiex wieħed ikollu l-informazzjoni disponibbli, skont l-istandards tal-*INSPIRE*, irid ikollu ħiliet speċifiċi li ftit li xejn jinstabu fl-awtoritajiet pubbliċi. Min jieħu ħsieb dan il-kontenut, qiegħed jagħti opportunità lill-Intrapriżi Żgħar u Medji (*SMEs*), sabiex jaħdmu f’dan is-settur. *SMEs* jistgħu jgħinu lill-pajjiżi, sabiex jilħqu mad-Direttiva, joħolqu opportunitajiet ġodda għas-suq tagħhom u biex ikabbru l-potenzjal tagħhom għal iktar innovazzjoni u xogħlijiet ġodda. Il-ħiliet tekniċi u l-flessibilità tal-organizzazzjoni tal-*SMEs*, jistgħu anke jappoġġjaw direttament lill-istituzzjonijiet varji u l-i*stakeholders* li huma involuti f’impenji varji li għandhom x’jaqsmu mal-implimentazzjoni tal-*INSPIRE.* Minħabba l-kundizzjonijiet legali li huma meħtieġa, l-implimentazzjoni tal-*INSPIRE*, saret il-punt tad-dħul għal opportunitajiet kruċjali fin-negozju, għax tiftaħ aktar perspettiva jew tinforza l-perspettiva li diġà hemm.




Il-proġett tal-*smeSpire* hu azzjoni ta’ appoġġ immexxi mill-*SMEs* permezz ta’ konsorzju minn tnax-il pajjiż differenti mill-Istati Membri; *SMEs*, iċ-ċentri tar-riċerka, aġenziji ambjentali, figura pubblika u assoċjazzjoni li ma jagħmlux profitt.

L-għan hu li jinkoraġġixxu u jawtorizzaw il-parteċipazzjoni tal-*SMEs* fil-mekkaniżmi armonizzali tagħhom u l-kontenut ikun disponibbli fuq skala kbira.

## Is-Suq, ix-Xogħlijiet, il-Ħiliet

M'hemmx definizzjoni waħda u ċara għall-*Geo-ICT*: id-definizzjoni użata f'dan l-istudju kienet ristretta għall-attivitajiet *GIS/geo-location*, aktar milli għall-attivitajiet kollha li jaqgħu taħt ir-regoli tal-*INSPIRE.*

Apparti minn hekk, s'issa m'għad hemm l-ebda tip ta' informazzjoni fuq is-settur tal-Kumpaniji Żgħar u Medji tal-*Geo-ICT* fl-Ewropa jew fl-Istati Membri. Mill-istudji li saru fl-imgħoddi, ħareġ biċ-ċar li l-*Geo-ICT* jistgħu jikkompromettu għal 1-2% tas-settur tal-*ICT*.

Din tista' twassal għal stima mhux eżatta ta' 7,000 kumpaniji tal-*Geo-ICT*, fl-UE 28.

Madankollu, din il-figura setgħet tiżdied kieku ntużat definizzjoni aktar wiesgħa tal-*Geo-ICT*, li tiġbor fiha dawk il-kumpaniji li huma involuti fil-kreazzjoni, fl-analiżi, kif ukoll fil-pubblikazzjoni tal-informazzjoni miġbura mill-*INSPIRE*.

Ħafna mill-kumpaniji li ġew mistoqsija, qiesu lilhom infushom bħala kumpaniji tal-*ICT* u ħafna minnhom għadhom żgħar, b'90% li nħolqu bejn l-1988 u l-2008. Hemm evidenza li l-iżvilupp teknoloġiku, kellu effett fuq il-ħolqien ta' kumpaniji ġodda.



Figure 1 – Companies by ICT sub-divisions (NACE)

Il-Kumpaniji Żgħar u Medji tal-*Geo-ICT*, normalment, huma involuti fi swieq fi ħdan l-Istati Membri nfushom. Il-livell ta' involviment fin-negozji tal-Unjoni Ewropea, juri li jiżdied skont il-kobor tal-kumpanija.

Il-bażi tal-konsumatur hi inklinata aktar għas-settur pubbliku. Minbarra l-kuntratti diretti, il-Kumpaniji Żgħar u Medji tal-*Geo-ICT* ħafna drabi huma involuti wkoll fis-sotto-kuntratti li jiddependu fuq il-livell ta' speċjalizzazzjoni tal-ħiliet tagħhom.

Ħafna mill-Kumpaniji Żgħar u Medji tal-*Geo-ICT*, jiddefinixxu l-qofol tan-negozju tagħhom bħala *"l-attivitajiet ġeospazjali"*; l-informazzjoni użata, l-iżvilupp tal-applikazzjoni tal-klijent, kif ukoll it-trasformazzjoni tal-informazzjoni huma l-ikbar sinjal ta' dawn l-attivitajiet.

82% tal-kumpaniji, jiddefinixxu lilhom infushom bħala *"ICT"*: it 18% l-oħra jiffukaw fuq l-"Inġinerija u l-Arkitettonika" (8.5%), "Attivitajiet Xjentifiċi u Teknoloġiċi" (6.3%) u "Kostruzzjoni u Inġinerija Ċivili" (1.4%)

34% tal-kumpaniji nstabu fid-disgħinijiet; 41% mill-2000 sal-2009; 12% wara l-2010

Kważi 60% huma żgħar ħafna (*micro*), b'inqas minn 10 impjegati.

Aktar minn 30% huma żgħar (*small*) b'inqas minn 50 impjegat. Meta tikkonsidra l-ammont ta' flus bħala dħul u qligħ, kważi 75% jitqiesu bħala żgħar ħafna (*micro*) (inqas minn €2 miljun), and 2% biss huma kkunsidrati bħala żgħar (*small*) (aktar minn €10 miljuni).

60% tal-kumpaniji jibbażaw id-dħul finanzjarju tagħhom fuq is-settur pubbliku (l-iktar fuq gvernijiet lokali u nazzjonali)

40% tal-kumpaniji jużaw l-informazzjoni spazjali u 20% huma involuti fl-immudellar u t-trasformazzjoni tal-informazzjoni.

27% tal-kumpaniji, jaħdmu primarjament fl-iżvilupp tal-applikazzjoni tal-klijenti, waqt li 6% jiżviluppaw is-soluzzjonijiet tas-servizzi tan-netwerk.

30% tal-kumpaniji huma ċċertifikati ISO9000: din hi magħquda mal-proċeduri tal-ksib pubbliku, li jidhru bħala ostakli mill-kumpaniji ż-żgħar (*small*), minħabba l-infiq u l-burokrazija.

60% tal-kumpaniji huma kompetenti ħafna fuq *Open Source Software*; *SOA* hi magħrufa ħafna, filwaqt li *Resource Oriented Architecture (ROA)* mhijiex; l-applikazzjonijiet tal-mowbajl għadhom s'issa jġibu sfida wara l-oħra.



Figure 2 – Companies by ICT sub-divisions (NACE)

Il-Kumpaniji Żgħar u Medji tal- *Geo-ICT,* f'termini ta' numru ta' ħaddiema (<50), jaqgħu taħt il-kategorija tal-kumpaniji ż-żgħar (*small*), filwaqt li f'termini ta' qligħ (<€2mln), jaqgħu taħt il-kategorija ta' kumpaniji żgħar ħafna (*micro*). Jista' jagħti l-każ, li t-tip ta' xogħol li jsir mill-Kumpaniji Żgħar u Medji tal-*Geo-ICT*, jippromwovu aktar kooperazzjoni fil-prattika tax-xogħol.

Jidher biċ-ċar li aktar ma jkollok impjegati, aktar ikun ta' vantaġġ, għax il-qligħ ikun akbar fil-kumpaniji tal-*Geo-ICT*, li għandhom ammont akbar t' impjegati.

Aktar minn 80% tal-qligħ annwali tal-Kumpaniji Żgħar u Medji tal-*Geo-ICT*, tirriżulta mill-"attivitajiet ġeo-spazjali". Ħafna minn dawn huma relatati mal-informazzjoni spazjali, mal-immudellar tal-informazzjoni u mal-iżvilupp tal-applikazzjonijiet tal-klijenti. Madankollu, apparti mill-funzjoni primarja tagħhom, il-kumpaniji jistgħu jiġu nvoluti wkoll f'varjeta ta' attivitajiet.

Fil-Kumpaniji Żgħar u Medji tal-*Geo-ICT*, l-involviment fil-fondi tal-Unjoni Ewropea, hu pjuttost baxx. Madankollu, dan jirrifletti fuq il-pożizzjoni b'mod ġenerali tal-kumpaniji tal-*ICT*. Kważi terz tal-kumpaniji li pparteċipaw f'dan l-istħarriġ, ħadu sehem b'mod jew b'ieħor fi proġetti li kienu ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea. Il-kumpaniji qed jużaw mudelli varji ta' fondi, imma ħafna minnhom ikunu dipendenti fuq il-ħlas ta' attivitajiet speċifiċi, li hu n-norma għall-ksib tas-settur pubbliku.

L-affiljazzjoni mal-assoċċjazzjonijiet nazzjonali ġeografiċi, jidhru li huma aktar importanti għall-Kumpaniji Żgħar u Medji tal-*Geo-ICT*, milli mal-assoċċjazzjonijiet tal-*ICT* u tal-Kumpaniji Żgħar u Medji (*SME*). Għaldaqstant, l-aspett tal-*"ġeo"* bħala identità, hu aktar importanti minn elementi oħra. Kemm l-approċċ għaċ-ċertifikazzjoni, kif ukoll l-għarfien tal-livell ġeografiku u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, ivarjaw. Dan kollu juri qabża fl-għarfien tal-Kumpaniji Żgħar u Medji tal-*Geo-ICT*.

Il-familjarità mal-*Open Source Software*, hi akbar, u din turi ż-żieda fl-importanza madwar l-Ewropa, flimkien mal-kompetenza dwar is-*Service Oriented Architecture (SOA).*

Kważi terz tal-kumpaniji, huma ivoluti fl-iskemi ta' ċertifikazzjoni ta' standards formali. B'mod ġenerali, il-familjarità fl-istandards, hi pjuttost baxxa.

Bħal *Web Map Service (WMS)* u l-*Web Feature Service (WFS),* l-istandards tal-*OGC* ukoll huma magħrufa mal-kumpaniji, filwaqt li fil-*metadata* (OGC CSW and EN-ISO19115/19139) u *GML* hemm il-bżonn ta' aktar titjieb. Il-*WPS* u l-*SLD*, għadhom moħbija u inqas magħrufa.

# INSPIRE

Hemm varjazzjoni sinifikanti bejn l-importanza assenjata lill-Istati Membri, fl-implimentazzjoni tad-Direttiva u fil-koordinazzjoni tal-attivitajiet. Din il-varjazzjoni hi fattur importanti fl-istudji tal-Kumpaniji Żgħar u Medji tal-*Geo-ICT*.

L-għarfien tal-*INSPIRE* fil-Kumpaniji Żgħar u Medji tal-*Geo-ICT*, huwa ħafna inqas milli kien mistenni, għax terz tal-kumpaniji ma kienu jafu kompletament xejn fuq id-Direttiva.




Figure 3 – Level of knowledge of INSPIRE

Ħafna drabi, dawk li jkunu involuti, ġeneralment ikollhom aktar għarfien dwar l-aspetti ġenerali tad-Direttiva, imma jkunu inqas familjari ma' aspetti tekniċi.

Huwa biss terz tal-Kumpaniji Żgħar u Medji tal-*Geo-ICT*, li jkollhom involviment formali mal-proċess tal-*INSPIRE* f'livell Ewropej. L-organizzazzjonijiet involuti mal-*INSPIRE*, jiġbru fihom varjetà sħiħa ta' attivitajiet. Madankollu, hemm ċertu preġudizzju fuq il-*metadata* u l-*view services*, għax dawn huma l-prioritajiet prinċipali tal-konsumaturi fis-settur pubbliku.

Il-Kumpaniji Żgħar u Medji tal-*Geo-ICT* jiġbru fihom għadd ta' temi t'informazzjoni tal-*INSPIRE*; it-temi ewlenin li jqajmu l-aktar interess huma fuq livell lokali (eż: l-art użata, *cadastral parcesl,* il-bini, l-elevalazzjoni, it-trasport, l-indirizzi, il-bżonnijiet, u s-servizzi tal-gvern). Il-proviżjoni tal-esperti, sabiex iseħħu l-analiżi, is-sinteżi jew iż-żieda t'għarfien ieħor dwar l-informazzjoni fuq l-*INSPIRE*, jistgħu jidhru bħala suq tipiku għal negozju ġdid.

Kważi terz tal-kumpaniji, huma diġà involuti f'xi attivitajiet li huma relatati mal-*INSPIRE*.

L-għanijiet u l-prinċipji ġenerali huma magħrufa sew; filwaqt li r-regolamenti dwar l-informazzjoni (*data*) u s-servizzi tan-netwerk, mhumiex daqshekk magħrufa.

Il-kompetenzi li huma bżonnjużi sabiex tiġi implimentata l-*INSPIRE*, huma disponibbli fil-livell tas-settur privat, li jiġbor fih għadd ta' attivitajiet.

Il-kumpaniji huma prinċipalment involuti fl-iżvilupp tas-servizzi murija u l-immudellar tal-informazzjoni (aktar minn 25%) u fil-katalgu tal-*metadata* (aktar minn 20%).

L-inqas involviment qiegħed fuq it-trasformazzjoni tal-iskema u tal-informazzjoni (inqas minn 10%) u *test suite* (12%)

B'mod ġenerali, l-*INSPIRE* kellha impatt pjuttost żgħir fuq il-Kumpaniji Żgħar u Medji tal-*Geo-ICT*. Madankollu, ċertu benefiċċji telgħu fil-wiċċ mal-introduzzjoni ta' prodotti u servizzi ġodda, modi ta' xogħol u konsumaturi ġodda, kif ukoll titjieb fil-qligħ. Iżda hemm aspettattivi kbar li l-*INSPIRE* se tkun ta' għajnuna kbira sabiex dan jiżdied fil-futur.

Twassil tal-prodotti/servizzi f'inqas ħin jew b'inqas ħlas.

Twassil tal-prodotti/servizzi lil gruppi ġodda ta' konsumaturi/ swieq ġeografiċi.

Metodi ġodda jew sinifikament mtejba għall-produzzjoni.

Introduzzjoni ta' prodotti/servizzi ġodda jew sinifikament mtejba.




Figure 4 – Impact of INSPIRE

Parti mir-raġuni għan-nuqqas ta' impatt, hi li hemm wisq xkiel sabiex il-*Geo-ICT* jiġu involuti fl-*INSPIRE*. Dawn jinkludu: il-baġit, l-għarfien u l-kompetenza u l-intenzjoni tad-Direttiva.

Mill-istudju ħareġ ċar li hemm numru ta' osservazzjonijiet interessanti li juri l-limitazzjonijiet tal-*INSPIRE*, fejn jidħol is-settur privat. B'mod ġenerali, il-parteċipazzjoni tas-settur privat fl-implimentazzjoni tal-*INSPIRE*, hi pjuttost tajba. Iżda dan l-involviment hu limitat skont il-finanzi tas-settur pubbliku.

Waħda mill-problemi ewlenin, hi l-aċċess għall-informazzjoni tas-settur pubbliku, li hu kemxejn ristrett min-nuqqas ta' disponibilità, jew mill-pubblikazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet fis-settur pubbliku. Dan kollu jillimita l-iżvilupp tas-servizzi fis-settur pubbliku.

Hemm l-idea, li l-*INSPIRE* jista' jipprovdi diversi benefiċċji għas-settur privat. Madankollu, qabel ma jitneħħew l-ostakli fundamentali, se tkun diffiċli sabiex wieħed jirrealizza b'dawn il-benefiċċji.

Kemm għall-kumpaniji privati, kif ukoll għall-organizzazzjonijiet pubbliċi, il-benefiċċju prinċipali tal-*INSPIRE* hu li jikkontribwixxu għal iżjed għarfien fuq informazzjoni ġeografika b'mod ġenerali. Iż-żieda tat-tqassim ta' din l-informazzjoni, jista' jwassal għal kwalità aħjar tal-informazzjoni.

Skont diversi Kumpaniji Żgħar u Medji li ġew intervistati, l-*INSPIRE* ser ittejjeb in-*National Spatial Data Infrastructures (NSDIs)*. Dan ifisser aktar opportunitajiet għas-settur privat kif ukoll dak pubbliku.

Bħalma jidhru kemm fis-settur pubbliku kif ukoll fis-settur privat, il-mudelli komuni t'informazzjoni u s-servizzi ta' netwerk operabbli, huma l-qawwiet prinċipali tal-*INSPIRE.*

Madankollu, l-għan finali li jkollok informazzjoni operabbli u b'tibdil ġeografiku, hu limitat minħabba l-kumplessità tar-regolamenti u tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi. Imma f'ċertu każijiet, ċertu speċifikazzjonijiet huma estenditi għal standards internazzajonali (jiġifieri *ISO* u *OGC*). Għalhekk, dawn l-ispeċifikazzjonijiet għandhom ikunu faċli biex jiġu implimentati, anke jekk xi kultant jistgħu jaħbtu ma' dawk l-istandards li jintużaw l-aktar.

Hemm bżonn ta' taħriġ fuq *modules* u konsultazzjonijiet fuq it-titjieb tal-għarfien u tal-ħiliet (l-aktar għal dawk li għadhom jibdew mal-*INSPIRE*). Sfida oħra hi, li fejn hu possibli, id-dokumenti tekniċi jkunu aktar ċari u faċli. Għandha ssir ħidma wkoll fuq l-isforz sabiex ikun hemm aktar sapport fuq il-ħidma bejn il-kumpaniji privati u s-settur akkademiku. Dan kollu jista' jgħaqqad flimkien ir-riċerka u l-applikazzjoni tagħha fil-prattika u l-istabbilizzazzjoni u ż-żieda tan-netwerk. L-objettiv ta' dawn l-inizjattivi, għandhom jiġu mxerrda u użati minn esperti partikolari, waqt proġetti internazzjonali, stadji differenti ta' tibdil fl-esperti, fil-gruppi ta' ħidma u fit-taħriġ.

Hemm bżonn li jiġu stabbiliti u jitkabbru l-attivitajiet tan-*networking* li jkabbru l-kompetenza, bl-għan li jitqassmu b'mod tajjeb u jiġu użati b'mod effettiv, fi ħdan proġetti internazzjonali, tibdil tal-esperti, gruppi ta' ħidma u taħriġ tal-*modules.*

## L-Innovazzjoni

Kumpaniji Żgħar u Medji tal-*Geo-ICT*, li huma mdaħħla fi programmi ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea:

- 20% fil-FP7
- 10% fl-ERF
- 7% fil-LIFE+
- 6% fis-CIP-PSP

Mill-baġit tal-EC għall-proġetti ICT FP7, 14% biss, ingħataw, filwaqt li 21% marru għall-Intrapriżi Kbar (2007-2011)[1].

Kważi nofs il-kumpaniji jistqarru, li l-ostaklu prinċipali, hu d-dominanza tas-suq li hi stabbilità mill-intrapriżi.

Sa 16% tal-ksib pubbliku, jingħata isem. L-awtoritajiet pubbliċi Ewropej jonfqu mal-€1,1biljun fis-sena[2].

Ftit li xejn saret innovazzjoni mill-Kumpaniji Żgħar u Medji tal-*Geo-ICT*: u anke fejn saret, il-fondi għal din l-innovazzjoni u għall-proġett tar-Riċerka u l-Iżvilupp, kienu pjuttost baxxi (<10% tal-baġit annwali).

Huma ftit dawk il-kumpaniji li għandhom struttura formali tal-post, sabiex jippromwovu l-innovazzjoni. Madankollu, il-kollaborazzjoni ma' kumpaniji oħra hi strateġija li qed tikber għal ċertu kumpaniji, b'mod partikolari għal dawk li jaħdmu fl-*Open Source Software*, b'livell tajjeb ta' għarfien fuq l-*Open Source Software*. Dan kollu jirrifletti fuq iż-żieda tal-importanza tal-*Geographic Free Open Source Software (GFOSS)*, li hu *asset* reali Ewropej.

Meta kkumparat ma' setturi ikbar tal-Kumpaniji Żgħar u Medji, il-Kumpaniji Żgħar u Medji tal-*Geo-ICT*, ftit li xejn għandhom involviment fil-proġetti tal-innovazzjoni u tar-Riċerka u l-Iżvilupp, li huma ffinanzjati. Terz minnhom biss jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni Ewropea (FP7, ERF, LIFE+, CIP, etc)

Anke meta jiġu involuti fil-prattika tal-innovazzjoni, ftit li xejn ikun hemm sforz min-naħa tal-kumpaniji. Jista' jkun, li dan hu riżultat għad-dipendenza kbira li hemm fuq is-settur pubbliku, li ħafna jarawh bħala riskju u avvers tal-innovazzjoni. Fattur ieħor hu l-ammont żgħir ta' flus li jiġi ffinanzjat[1].



Figure 5 – Partnerships in FP7-ICT projects

Min-naħa l-oħra, id-domanda tal-konsumatur, tista' tidher bħala inkoraġġiment għal aktar innovazzjoni fil-Kumpaniji Żgħar u Medji tal-*Geo-ICT.* Iżda, għal bosta kumpaniji, l-akbar ostaklu hu d-dominanza tas-suq minn kumpaniji kbar (ħafna drabi ditti kbar tal-*ICT*) li ħafna drabi jkunu marbutin fl-aspett tal-*'vendor lock-in'*[2]*.*

Din twassal għall-esklużjoni mill-ksib u mit-*tendering* tas-settur pubbliku: iż-żieda tal-użu tal-*Open Source Software* mill-konsumaturi tas-settur pubbliku, tista' tgħin biex tiġi indirizzata din il-problema.

Minn studji riċenti ħareġ li l-ħruġ tal-informazzjoni tas-settur pubbliku, bħala *Open Government Data,* kellu impatt dirett fuq iż-żieda tal-attività *enterpreneurial*. Ħafna mill-kumpaniji, kemm dawk li għadhom jibdew, kif ukoll dawk stabbiliti, għandhom interess fl-informazzjoni tas-settur pubbliku (u huma lesti li jħallsu ħlas marġinali).

Għalhekk, l-*Open Data*, hi katalista b'potenzjal u tgħin biex isseħħ l-innovazzjoni, billi tistimula l-viabilità, tipprovdi l-informazzjoni fuq is-suq potenti, u tnaqqas l-infiq tal-utilizzazzjoni tal-proġetti tar-Riċerka u tal-Iżvilupp.

[1] http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=SWD:2013:0224:FIN:EN:PDF

[2] http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=SWD:2013:0224:FIN:EN:PDF

## Ir-Riżultati

Bis-saħħa tal-*INSPIRE*, it-titjieb li diġà qiegħed iseħħ fil-produttività, qiegħed jiġi rifless fil-qligħ ta' numru ta' kumpaniji tal-*Geo-ICT*. Madankollu, il-benefiċċji prinċipali, għadhom iridu jiġu identifikati. Minħabba ż-żieda fid-domanda għal informazzjoni ġdida u għal *software* ġdid, ħafna mill-kumpaniji, qegħdin jistennew li ħa jaraw opportunitajiet ġodda fis-suq.

B'mod ġenerali, *INSPIRE*, mhijiex tikkonsidra l-innovazzjoni mill-Kumpaniji Żgħar u Medji, u apparti minn hekk, qiegħed ikollha impatt żgħir fuq l-innovazzjoni. Jekk l-*INSPIRE* trid li tistimula u ttejjeb l-innovazzjoni, ċertu aspetti jridu jinbidlu:

- sabiex il-Kumpaniji Żgħar u Medji jipparteċipaw, fl-infurzar tal-*open data* u tal-*e-government*, għandu jkun hemm soluzzjonijiet prammatiċi, b'mudelli ta' negozji ġodda li jistgħu jiġu żviluppati.

- l-informazzjoni li tkun disponibbli għall-pubbliku, tgħin biex jitjieb is-servizz tal-konsumatur, u għalhekk tkun qiegħda tikkontribwixxi għall-innovazzjoni. Iktar kemm ikun hemm informazzjoni disponibbli għall-organizzazzjonijiet kif ukoll għan-nies, iktar tinħoloq id-domanda għas-servizzi u għas-soluzzjonijiet tal-kumpaniji żgħar u medji.

- l-awtoritajiet pubbliċi qegħdin isaqsu għal soluzzjonijiet kompjaċenti min-naħa tal-*INSPIRE*. Imma ħafna drabi s-sejħa għat-*tenders* ikun fiha nuqqas ta' dettalji dwar il-kundizzjonijiet tekniċi sabiex tkun kompjaċenti mal-*INSPIRE.*

- l-opportunitajiet prinċipali għall-futur qarib jidhru f'livelli ta' *data u metadata*

- l-impatt tal-*INSPIRE* jrid jinbidel minn "teknoloġiku" (*software* għas-servizzi, għall-preżentazzjoni u għall-applikazzjoni tal-informazzjoni) għall-"kontenut"; l-opportunitajiet fuq il-livell ta' *software* huma iktar immirati għall-klijenti li jaħdmu fuq is-servizzi tad-*desktop*, aktar milli għal dawk li jaħdmu fuq is-servizzi tal-*geoportal.*

- it-trasformazzjoni tal-informazzjoni, tista' tkun waħda ta' sfida u ta' opportunità ta' negozju għall-kumpaniji privati; it-tħassib prinċipali hu li l-attività tal-immudellar tal-informazzjoni, ħafna drabi tkun moħbija u ma tiġix rikonoxxuta mill-organizzazzjonijiet, u għalhekk tkun diffiċli biex tiġi ffinanzjata.

- it-*test suites* għall-informazzjoni u s-servizzi tas-siti għal validizzazzjoni, mhumiex qegħdin jittieħdu bis-serjetà. L-ikbar interess għandu jkun fis-servizzi tad-*download*, imma dawn iridu jkunu *"open services"* sabiex ikunu jistgħu jniżżlu *"open data"*; is-servizzi ta' trasformazzjoni huma interessanti, primarjament għal dawk il-persuni professjonisti u li għandhom ħiliet kbar f'dan il-qasam (din timplika inqas sfurzar fuq l-użu u l-aċċess tal-informazzjoni).

# Ir-Rakkomandazzjonijiet

## Għal aktar riċerka

Hemm il-bżonn li jkun hemm definizzjoni ċara fuq il-Kumpaniji Ewropej Żgħar u Medji tal-*Geo-ICT*; fl-istess ħin, huwa importanti li jibqa' jsir l-istudju fuq il-kumpaniji privati tal-*Geo-ICT*, li jiġbru fihom l-akwati tal-UE28. Huwa importanti wkoll li l-attivitajiet tal-*INSPIRE* jkunu aktar mifruxa u jkunu mmirati aktar lejn kuntest aktar lokali, indipendentament mis-settur tematiku. Dawn huma r-rakkomandazzjonijiet li wieħed jista' jsegwi sabiex isir iktar studju fuq il-*Geo-ICT:*

- ikun hemm qbil fuq definizzjoni dwar il-Kumpaniji Żgħar u Medji tal-*Geo-ICT*. Din id-definizzjoni għandha tirrifletti l-eżistenza tal-kumpaniji li joħolqu u jużaw il-kompjaċenti tal-*INSPIRE*, imma ma jqisux lilhom infushom bħala *"traditional GIS companies"*. Għaldaqstant, id-definizzjoni li għandha tintuża f'dan l-istudju, trid tiġbor fiha l-Kumpaniji Żgħar u Medji li huma involuti fl-aspetti kollha, li huma relatati mar-regolamenti tal-*INSPIRE.*
- b'każ ta' urġenza, għandhom jitwaqqfu figuri eżatti għas-settur tal-Kumpaniji Żgħar u Medji tal-*Geo-ICT,* b'repetizzjoni u bi tkabbir fl-istudju li qiegħed isir, u tiġi meħuda d-definizzjoni wiesgħa tal-possibiltajiet u tal-indikaturi biex tgħaqqad dawn l-istess Kumpaniji Żgħar u Medji tal-*Geo-ICT.*
- tkompli ssir ir-riċerka b'konċentrazzjoni fuq l-estenzjoni tal-*INSPIRE* għall-*e-government* u fi struttura operabbli u ikbar għat-tpartit u għat-tqassim ta' informazzjoni u servizzi.
- tinvestiga l-istat kurrenti u l-effetti li jista' jkun hemm fuq il-Kumpaniji Żgħar u Medji tal-*Geo-ICT*, fejn għandhom x'jaqsmu l-benefiċċji tal-kooperazzjoni fl-attivitajiet tal-*Geo-ICT.*

## Għal tibdil fir-regolamenti u fl-approċċ

Li tingħata l-predominanza tal-amministrazzjoni tas-settur pubbliku, fi ħdan il-Kumpaniji Żgħar u Medji tal-*Geo-ICT*, tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jippromwovu rabtiet aħjar bejn is-setturi pubbliċi u privati. Dawn t'hawn taħt huma r-rakkomandazzjonijiet dwar it-tibdil u t-titjieb fir-regolamenti u fl-approċċ:

- Is-settur pubbliku jrid jinvolvi lill-kumpaniji privati fil-fażijiet kollha tal-implimentazzjoni tal-*INSPIRE*, ħalli jkunu jistgħu jiġu rrealizzati l-benefiċċji tal-*INSPIRE* u jkun hemm lok għal opportunitajiet oħra għall-innovazzjoni.
- Kooperazzjoni akbar bejn is-setturi privati u pubbliċi, għandha tinkludi l-iżvilupp ta' għarfien aħjar fir-rakkomandazzjonijiet tal-*INSPIRE* u fil-ksib tal-amministrazzjoni pubblika.
- Il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri, għandhom jippromwovu aktar l-involviment tal-Kumpaniji Żgħar u Medji tal-*Geo-ICT,* fil-proġetti li huma ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea. Wieħed mill-fatturi sabiex ikun hemm riżultat tajjeb fil-*Horizon 2020*, hu, li titjieb il-perspettiva tal-proġetti Ewropej dwar ir-riċerka u jiżdied l-għarfien fi ħdan il-Kumpaniji Żgħar u Medji.
- Il-programmi tal-pjanijiet futuri għar-riċerka u l-innovazzjoni (eż. *Horizon 2020*) għandhom jistimulaw proġetti innovattivi u żgħar. Sabiex ikun hemm riżultat tajjeb għall-intrapriżi żgħar, il-kumpaniji żgħar u medji, għandhom ikollhom proġetti żgħar, imma ta' kwalità.
- Il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri, għandhom jinkoraġixxu r-Reġjuni li jużaw l-*ICT Innovation Vouchers*, sabiex jagħtu appoġġ lill-kumpaniji żgħar u medji tal-*Geo-ICT.*
- Il-Kummissjoni Ewropea u l-programmi tar-Riċerka u l-Iżvilupp, għandhom jirrakkomandaw lill-amministrazzjoni pubblika, sabiex meta jipparteċipaw fi proġetti li huma ffinanzjati, jagħmlu l-*geodata* tagħhom disponibbli. Dan jgħin sabiex ikun hemm garanzija fuq l-*ex-ante* u l-użu tal-informazzjoni li tkun ġiet miġbura u proċessata fi proġetti bħal dawn.
- Sabiex, il-Kummissjoni Ewropea tkun qiegħda tappoġġja l-użu u l-kreazzjoni tal-valur tal-kontenut diġitali, trid tistabbilixxi pjan trasparenti u li jkun faċli biex jiġi implimentat. Din l-inizjattiva hi waħda valida, għax tgħin biex jitnaqqsu l-ostakli rigward l-aċċessibilità tal-informazzjoni minn kumpaniji privati.
- L-Istati Membri jridu jippromwovu gwidi għall-proċeduri tal-ksib pubbliku, li għandhom x'jaqsmu mal-*INSPIRE.* Huwa essenzjali li jkun hemm taħlita ta' proċeduri tal-ksib pubbliku, mal-inqas rakkomandazzjonijiet u metodi li huma meħtieġa (din tista' taqa' taħt l-aspett tal-istudju kurrenti EULF).
- L-amministrazzjoni pubblika għandha tindirizza l-problemata ta' ksib li qiegħed isir fil-magħluq biex jippreveni mit-*tendering* tal-Kumpaniji Żgħar u Medji tal-*Geo-ICT:* Din il-problema tista' tiġi assistita bl-użu akbar ta' *Open Source Software* mill-amministrazzjonijiet pubbliċi.
- Il-Kummissjoni Ewropea, flimkien mill-Istati Membri, iridu jippromwovu u jaddottaw il-ksib ta' qabel il-kummerċ, jiġifieri meta l-attivitajiet tad-disinn u tas-soluzzjoni tal-esplorazzjoni jkunu qegħdin iseħħu.
- Għandu jkun hemm aktar standardizzazzjoni, sabiex ikun hemm aktar sforz biex il-Kumpaniji Żgħar u Medji tal-*Geo-ICT* jidħlu fis-sistema, b'mod partikolari fejn għandhom x'jaqsmu l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tal-*INSPIRE.*

## Għall-*smeSpire Network*

Il-Kumpaniji Żgħar u Medji tal-*Geo-ICT*, għandhom bżonn joħolqu kritika, li tiffoka fuq il-bżonnijiet li għandhom. Għalhekk, il-kumpaniji żgħar u medji jridu jtejbu n-netwerk tagħhom (il-midja soċjali jew l-imġiba soċjali, mhumiex biżżejjed għas-suq globali).

Il-Kumpaniji Żgħar u Medji, għandhom bżonn ukoll strateġija aktar ċara f'komunikazzjoni mal-*INSPIRE*, u għandhom bżonn ukoll li jipparteċipaw b'mod attiv fid-dibattiti tal-*INSPIRE*, sabiex b'hekk ikunu jistgħu jagħrfu l-benefiċċji tal-awtoritajiet pubbliċi fuq livell lokali.

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma provduti għall-ġejjieni tan-netwerk *smeSpire*:

- In-netwerk tal-*smeSpire* jrid iservi bħala medjatur biex jiffaċilita r-rabtiet mal-inizjattivi tal-Kummissjoni Ewropea, bħal *ISA actions EULF* u *Are3NA* (ara http://ec.europa.eu/isa/index_en.htm)
- In-netwerk tal-*smeSpire* għandu d-dmir li jagħti l-appoġġ tiegħu lill-Kumpaniji Żgħar u Medji, sabiex jieħdu sehem fil-Manutenzjoni tal-*INSPIRE* u fl-Implimentazzjoni tal-Istruttura (MIF).
- It-taħriġ tal-*smeSpire* u l-katalgu għall-aħjar prattiċità, jistgħu jiġu ppjanati bħala suq fejn membri differenti jistgħu joffru l-kapaċitajiet tagħhom sabiex jitjiebu l-kwalità u l-kwantità tat-taħriġ għal *"INSPIRE beginners"*. Apparti minn hekk, jistgħu jagħmlu referenza għas-soluzzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-*INSPIRE*.
- Sabiex jiġu provduti attivitajiet subordinati u servizzi lill-membri, bħat-titjieb fl-għarfien u fil-ħiliet tal-Kumpaniji Żgħar u Medji tal-*Geo-ICT,* fl-ippjanar tar-riżorsi, fil-metidoloġiji u fl-għodda, in-netwerk tal-*smeSpire* għandu jiġi entità legali.